**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 36**

**Avviz Nru: 1052/01 AE**

**Tophouse Co. Limited.**

**vs**

**Anthony Farrugia f'ismu u ghan-nom tad-ditta Gerald's House Goods & Gifts.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u erbgha u tletin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm134.20) hlas dovut ghall-bejgh u xiri ta' *household goods* minghand is-socjeta attrici.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. It-talba tas-socjeta attrici hija ghall-hlas ta' mija u erbgha u tletin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm134.20) hlas li qieghed jintalab ghall-bejgh u xiri ta' *household goods* minghand is-socjeta attrici.

2. Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2001 il-konvenut ammetta t-talba tas-socjeta attrici limitatament ghas-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm127.74). Irrizulta wkoll li fix-xahar ta' Ottubru 2001 il-konvenut kien offra dan il-pagament permezz ta' cekk, u min-naha taghha s-socjeta attrici rrifjutat il-hlas.

3. Il-kontestazzjoni hija ghalhekk ristretta ghas-somma ta' sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm6.50).

4. L-ammont pretiz mis-socjeta attrici jirrizulta mill-invoice li hemm a fol. 5 – 7 tal-process. Dawn l-invoices huma ffirmati minn mart il-konvenut (fol. 5) u mill-konvenut stess (fol. 6 – 7). Il-konvenut qieghed jikkontendi li s-somma ta' sitt liri Maltin u hamsin centemzu (Lm6.50) m'hijiex dovuta peress li l-prezz tal-merkanzija li xtara giet awmentata mis-socjeta attrici minghajr ma kien hemm ftehim bejniethom.

5. Min-naha l-ohra s-socjeta attrici qeghda targumenta li l-konvenut ma baqax jinghata skont fuq l-affarijiet li kien qieghed jixtri peress li l-hlas ma baqax isir b'mod regolari u naqqas l-ordnijiet.

6. It-Tribunal jirrileva li din il-kwistjoni setghet facilment tigi rizolta b'mod amikevoli. Sfortunatament dahlet il-pika bejn il-kontendenti u ma baqghux jaghmlu negozju bejniethom.

7. Mill-provi li tressqu ma jirrizultax li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim li l-prezzijiet ta' l-oggetti ser jibqghu l-istess. L-invoices li fuqhom hija bazata t-talba ghall-hlas jgibu d-data ta' l-10 ta' Novembru 2000 (fol. 5), 26 ta' Frar 2001 (fol. 6) u 7 ta' Marzu 2001 (fol. 7). Tnejn minn dawn l-invoices huma ffirmati mill-konvenut filwaqt li l-iehor huwa ffirmat minn martu.

8. Il-konvenut iddikjara li meta kien imur jixtri ma kienx joqghod jezamina l-kont. B'danakollu t-Tribunal jifhem li kien id-dmir tieghu li, qabel ma jiffirma, jaqra sew dak li kien se jiffirma. Jekk ma jaghmilx hekk, irid ibati l-konsegwenzi tan-nuqqas tieghu. Il-firma hija prezunzjoni li x-xerrej ikun accetta dak li jinghad fil-kont u ntrabat li jhallas dak il-prezz. Iridu jirrizultaw provi cari, certi u konkludenti biex jigi skartat dak li x-xerrej ikun iffirma ghalih. Provi li fil-fehma tat-Tribunal ma jirrizultawx fil-kaz odjern, mehud ukoll in konsiderazzjoni li s-socjeta attrici kkontestat il-verzjoni moghtija

mill-konvenut. Rilevanti wkoll huwa l-fatt li wara l-invoice datat 10 ta' Novembru 2000 (fol. 5) fejn skond il-konvenut kien hemm awment fl-ewwel zewg oggetti ndikati, fis-26 ta' Frar 2001 (fol. 6) il-konvenut xtara mill-istess merkanzija u bl-istess prezzijiet. It-Tribunal jifhem li kieku l-konvenut kien qieghed jikkontesta l-prezzijiet fl-invoice a fol. 5, tlett xhur wara ma kienx ser jerga' jmur jixtri mill-istess merkanzija u bl-istess prezzijiet.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici kif deotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u erbgha u tletin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm134.24). L-imghax jibda jiddekorri tletin gurnata wara d-data ta' kull invoice.

Bl-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**